



Brussell, 17 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13951/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0810(NLE)

CO EUR-PREP 35
INST 384
UEM 271

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

1. Fid-19 ta' Diċembru 2019, is-Sur Fabio PANETTA inħatar Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mill-1 ta' Jannar 2020¹.
2. Permezz ta' ittra tat-12 ta' Lulju 2023, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew informa lill-President tal-Kunsill Ewropew bid-deċiżjoni tas-Sur PANETTA li jirriżenja mill-pożizzjoni tiegħu fl-1 ta' Novembru 2023².
3. Fid-19 ta' Settembru 2023, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, adotta rakkomandazzjoni lill-Kunsill Ewropew dwar il-ħatra tas-Sur Piero CIPOLLONE bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Novembru 2023³.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/2190 tad-19 ta' Diċembru 2019 li taħtar żewġ membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 330, 20.12.2019, p. 52).

² 11802/1/23 REV 1.

³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 2023 dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU C 334, 22.09.2023, p.1).

4. Fil-25 ta' Settembru 2023, il-Kunsill Ewropew ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-ħatra tas-Sur CIPOLLONE bħala Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.
 5. Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Settembru 2023⁴.
 6. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2023⁵.
 7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma għalhekk infurmati li ttieħdu r-rekwiżiti proċedurali kollha sabiex il-Kunsill Ewropew ikun jista' jadotta d-Deċiżjoni li taħtar lis-Sur CIPOLLONE bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Novembru 2023, kif tinsab fid-dokument EUCO 19/23.
-

⁴ 13512/23.

⁵ 14297/23.